- JUDICIAL REVIEW – ART 469 (A) (1) (2) (3) - TAL-KAP 12 –
- TERMINU TA' SITT XHUR SKOND L-ARTIKOLU 469 (A) HUWA TERMINU TA' DEKADENZA -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 14 ta' Frar 2001**

**Kawza Numru: 28**
**Citazzjoni Numru: 2130/97/RCP**

**Joseph Borg**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fl-14 ta ' Lulju 1995 l-attur xtara mill-Inglilterra vettura tal-marka Citroen C15D bin-numru tar-registrazzjoni K472 VNA, liema vettura waslet Malta mill-Ingilterra fit-12 ta' Awissu, 1995 abbord il-bastiment Atlantic Hope;

Illi l-konvenut ghalkemm debitament interpellat ghadu sal-lum jirrifjuta li jawtorizza lill-attur sabiex ikun jista' jirtira l-imsemmija vettura;

Illi minhabba l-agir tal-konvenut l-attur sofra danni kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

L-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li tistabilixxi din il-Qorti jaghti l-"clearance" mehtiega ghar-rilaxx tal-vettura tal-marka Citroen C15D bin-numru tar-registrazzjoni K472 VNA;

2. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur;

3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur anke permezz ta' periti nominandi kemm-il darba jkun mehtieg;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata mill-Qorti in linea ta' danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tat-30 ta' Ottubru 1995 u ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju 1997 kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt sabiex jidber ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat id-dokument ezebit mac-citazzjoni attrici;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn eccepixxa:

1. Illi prelimarjament ic-citazzjoni ta' l-attur hija irritwali u inammissibbli ghaliex prezentata fuori termini is-sitt xhur li jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kap 12 subinciz(3) biex issir l-azzjoni biex jitwaqqa' eghmil amministrattiv.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti jigi eccepit li l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta ma jaghtix lill-Qorti gurisdizzjoni li tezercita hi l-funzjonijiet amministrattivi ta' l-eccipjent jew ta' xi awtorita' ohra amministrattiva. Dan l-artikolu jaghti biss is-setgha lill-Qorti li tiddikjara l-eghmil amministrattiv (bhall-kaz odjern - rifjut ta' l-eccipjent) null, invalidu u minghajr effett. Il-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni biex tordna dak li qed jitlob l-attur ghaliex il-funzjoni taghha mhix ta' appell. Minn

decizjonijiet amministrattivi/esekuttivi, izda wahda ta' stharig (review) li tista' twassal biss, jekk ikun il-kaz, ghad-dikjarazzjoni ta' invalidita` ta' ezercizju tad-diskrezzjoni amministrattiva.

3. Illi t-talba attrici biex l-eccipjent jigi kundannat ihallas id-danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi huwa qed jagixxi *intra vires* il-poteri li ttih il-ligi.

   Inoltre ma hemm l-ebda male fede jew irragonevolezza fl-agir ta' l-eccipjent u ghalhekk skond l-istess dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 469A sub-inciz (5), billi hu ma wettaq l-ebda delitt, jew kwazi delitt, l-eccipjent mhux passibbli ghall-ebda danni.

4. Illi l-ligi tipprovdi li kull min idahhal vettura f'din il-gzira ghandu jinforma lill-eccipjent, fost dettalji ohra, bic-chassis number tal-vettura in kwistjoni. F'dan il-kaz gara li n-numru provdut mill-attur fid-dokumenti tieghu mhux rispekkjat f'dak li nstab fil-vettura.

5. Illi fil-mansjonijiet tieghu, kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-eccipjent irid ihares li jkun hemm provenjenza legittima tal-vetturi li jigu importati f'Malta.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 11 et sequitur tal-process;

Rat id-dokument ezebit man-nota tal-eccezzjonijiet;

Rat il-verbali tas-seduti tal-4 ta' Gunju 1998; tal-15 ta' Marzu 1999; tat-3 ta' Novembru 1999 u tas-6 ta' Dicembru 1999.

Rat in-nota ta' l-attur a fol 20 *et sequitur* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tat-2 ta' Frar 2000 fejn Dr Bondin iddikjara li m'ghandux provi aktar dwar l-ewwel eccezzjoni; u tat-12 t'Ottubru 2000 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghall-14 ta' Frar 2000.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din is-sentenza titratta dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn eccepixxa:

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti jigi eccepit li l-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta ma jaghtix lill-Qorti gurisdizzjoni li

> tezercita hi l-funzjonijiet amministrattivi ta' l-eccipjent jew ta' xi awtorita' ohra amministrattiva. Dan l-artikolu jaghti biss is-setgha lill-Qorti li tiddikjara l-eghmil amministrattiv (bhall-kaz odjern - rifjut ta' l-eccipjent) null, invalidu u minghajr effett. Il-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni biex tordna dak li qed jitlob l-attur ghaliex il-funzjoni taghha mhix ta' appell. Minn decizjonijiet amministrattivi/esekuttivi, izda wahda ta' stharig (review) li tista' twassal biss, jekk ikun il-kaz, ghad-dikjarazzjoni ta' invalidita` ta' ezercizju tad-diskrezzjoni amministrattiva.

Illi kwindi l-konvenut eccepixxa illi peress li r-rifjut li tinghata l-‘clearance’ mill-Kummissarju tal-Pulizija ghar-rilaxx tal-vettura importata in kwistjoni kien att amministrattiv, allura l-operat ta’ l-awtorita` pubblika jista’ jigi sindikat mill-qrati ta’ kompetenza civili fil-parametri ta’ l-artikolu 469A tal-Kap 12. Illi ghalhekk skond il-konvenut, l-attur seta’ jisfida dan l-eghmil amministrattiv billi jintavola azzjoni ta’ *judicial review*, kif fil-fatt ghamel. Illi pero` fil-kaz odjern l-attur halla t-terminu ta’ sitt xhur ighaddi u pprezenta c-citazzjoni odjerna sentejn wara sabiex il-Qorti thassar l-eghmil amministrattiv. Illi xejn ma kien qed ifixkel lill-attur milli jiftah il-kawza fiz-zmien stipulat mill-ligi.

Illi fin-nota tieghu l-attur spjega l-fatti tal-kaz kif graw. Illi hu akkwista l-vettura in kwistjoni fl-14 ta’ Lulju 1995, u fit-12 ta’ Awissu 1995 giet importata. Meta hu mar biex jirtiraha, il-konvenut ma tahx *clearance*. L-attur sussegwentement

pprezenta protest gudizzjarju fil-konfront tal-konvenut fit-30 t'Ottubru 1995 fejn interpellah ihallih jirtira l-vettura. Min-naha tieghu l-konvenut pprezenta kontro-protest. Illi l-attur beda jikkorispondi mal-kumpanija estera gewwa l-Ingilterra minn fejn kien xtara l-vettura sabiex jibghatulu l-informazzjoni necessarja rikjesta mill-Kummissarju tal-Pulizija. Meta imbaghad ircevew tali informazzjoni ghaddewha permezz ta' ittra lill-Kummissarju. L-ebda risposta ma waslet ghal tali ittra.

Illi sussegwentement fil-11 ta' Lulju 1997 l-attur rega' pprezenta ittra ufficjali fil-konfront tal-konvenut. Fis-17 ta' Settembru l-attur ipprezenta c-citazzjoni odjerna. Illi fil-11 ta' Ottubru 1997 il-konvenut baghat ittra lill-avukat tal-attur, fejn spjega li ma kellux aktar x'izid ma dak li inghad fil-kontro-protest.

Illi fl-ewwel lok l-attur fin-nota tieghu qed isostni li l-azzjoni li qed jaghmel hi wahda sabiex jirrivendika l-proprjeta` tieghu, u b'hekk l-attur bhala proprjetarju m'hu marbut b'ebda terminu legali sabiex jiehu lura l-pussess ta' hwejgu.

Illi pero` l-kawza odjerna ma hijx 'azzjoni rivendikatorja'. Kif inghad fil-kaz '**Giuseppe Buhagiar vs Guzeppi Borg et**' (Deciza 17 ta' Novembru 1958, Vol XLII.I.569), f'din l-azzjoni l-attur irid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta` fih, tal-haga li jrid jirrivendika. Mhux bizzejjed li hu talvolta jipprova li dik il-haga mhix tal-konvenut; imma jehtieg li juri pozittivament li hi tieghu innifsu, ghax *melior conditio*

*possidentis*. U gie dejjem ritenut mill-Qrati taghna fuq l-istregwa ta' principji ammessi universalment mid-dottrina u mill-gurisprudenza, bazati fuq ligijiet bhal taghna illi dik il-prova li hi ezatta mir-rivendikant hemm bzonn li tkun kompleta u konkluziv, b'mod li kwalunkwe dubju, anki l-icken, ghandu jmur favur il-possessur konvenut. Illi pero` fil-kaz odjern m'hemmx kwistjoni ta' proprjeta` involuta. Il-Kummissarju tal-Pulizija fl-ebda hin ma kkontesta l-proprjeta` tal-vettura in kwistjoni.

Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha hija jekk il-lamenteli tal-attur u kif ic-citazzjoni hi redatta taqax taht id-disposizzjoni tal-**Artikolu 469 A tal-Kap 12.** Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti b'mod kif inhi redatta c-citazzjoni taqa' taht tali artikolu. In effetti fl-ewwel talba dak li qed jitlob l-attur hu li din il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex jaghti l-*clearance* mehtiega ghar-rilaxx tal-vettura in kwistjoni. Kwindi din il-Qorti trid tissindika jekk il-fatt li l-Kummissarju tal-Pulizija ma tax il-*clearance* jew le kienx gustifikat u kienx qed imur kontra l-ligi. Ghalhekk, il-mod kif inhuma t-talbiet tali azzjoni taqa' taht l-**Artikolu 469A** u precizament is-**subartikoli (iii) u (iv)** tal-istess, u kull argument iehor huwa fl-opinjoni ta' din il-Qorti loghob bil-kliem.

Illi ghandu jinghad ukoll illi bla ebda dubju d-decizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija taqa' fid-definizzjoni li taghti l-ligi ta' 'eghmil amministrattiv' skond l-**Artikolu 469A (2)**. Dan ighid hekk:

“ ‘*eghmil amministrattiv’ tfisser il-hrug ta’ kull ordni, licenzja, permess, warrant, decizzjoni jew ir-rifjut ghal talba ta’ xi persuna li jsir minn awtorita` pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`”; u*
*‘awtorita` pubblika’ tfisser il-Gvern ta’ Malta, maghdudin il-Ministeri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta’ ligi”.*

Illi l-vertenza odjerna tirrigwarda decizjoni fejn giet rifjutata l-*clearance* ghar-rilaxx ta’ vettura u kwindi taqa’ taht ‘eghmil amministrattiv’. Inoltre` skond is-sentenza **‘Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija**’ (deciza 2 ta’ Gunju 2000, Rik Nru 701/99/GCD) il-Korp tal-Pulizija huwa “korp maghqud kostitwit permezz ta’ ligi”.

Il-Kummissarju tal-Pulizija bbaza l-eccezzjoni tieghu fuq **Artikolu 469 A (3)** li jipprovdi illi:

*“Kawza biex twaqqa’ ghemil amministrattiv taht is-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu ghandha ssir zmien sitt xhur minn meta min ikollu nteress isir jaf jew setgha jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b’dak l-ghemil amministrattiv”.*

Illi din il-kawza saret mill-attur kontra l-konvenut fis-17 ta’ Settembru 1997 (data tal-presentata tac-citazzjoni attrici) sabiex ir-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija biex tigi rtirata l-vettura in kwistjoni jinbidel fi *clearance*.

Illi fil-fatt hemm divergenza ghal meta hi d-data effettiva ta' tali rifjut. Hemm qbil bejn id-difensuri tal-partijiet li l-karozza giet importata fit-12 ta' Awissu 1995. Illi l-attur pero` qed isostni illi peress illi l-konvenut gharraf lill-attur li qabel ma jinghata taghrif dwar il-provenjenza tal-vettura din ma kienitx ser tigi rilaxxata, l-attur ircieva l-informazzjoni f'Settembru 1996 (Dok JB9 a fol 30 tal-process) u kien biss fil-11 ta' Ottubru 1999 (Dok JB 13 a fol 36 tal-process) li l-konvenut wiegeb u dan b'risposta ghall-protest gudizzjarju li sar fil-11 ta' Lulju 1997 (Dok JB12 a fol 35 tal-process) mill-attur.

Illi pero` fl-opinjoni ta' din l-Qorti, l-attur kellu diga' risposta u decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-1995 fil-kontro-protest tieghu fl-atti tal-protest tal-attur tat-30 ta' Ottubru 1995 (vide Dok JB2 a fol 22 tal-process). Kwindi ladarba c-citazzjoni attrici giet ippresentata fis-17 ta' Settembru 1997 l-azzjoni attrici hija presentat *ai termini* tal-**artikolu 469 A (3)** ghaliex ghaddew aktar minn sitt (6) xhur minn meta l-atturi saru jafu bl-atti amministrattivi in kwistjoni, u ghalhekk a bazi tal-premess, l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ghandha tigi milqugha, anke peress tali terminu ma jistax jigi estiz kif inghad fis-sentenza "**Dentista Gerard Zammit vs Awtorita` tal-Ippjanar et**" (P.A. RCP 2 ta' Frar 2000).

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija **tichad it-talbiet attrici** fil-konfront tal-konvenut u tillibera lill-istess konvenut mit-talbiet attrici kif fuq premess.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**14 ta' Frar 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**14 ta' Frar 2001**